MALTA

# TRIBUNAL GĦALL-INVESTIGAZZJONI TA' INĠUSTIZZJI

**ONOR. IMĦALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2004

Rikors Numru. 42/1997/2

Joseph u Rose konjugi Falzon u b’digriet ta’ l-1 ta’ Settembru 2000 Rose Falzon tnehhiet mill-okkju tar-rikors
vs
Ministru Responsabbli mill-Biedja u Sajd u b’digriet ta’ l-1 ta’ Settembru 2000 gie korrett ghal Ministru Responsabbli mill-Agrikoltura u Sajd u ghal kwalunkwe interess li jista’ jkollu l-Onorevoli Prim Ministru u d-Direttur tax-Xoghol li gie kjamat fir-rikors b’digriet tat-18 ta’ Novembru 1998 u d-Direttur ta’ l-Agrikoltura li gie kjamat fir-rikors b’digriet tal-5 ta’ Jannar 1999 u d-Direttur tal-Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex li gie kjamat fir-rikors b’digriet ta’ l-1 ta’ Settembru 2000

It-Tribunal,

**RIKORS:**
Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi huwa kien impressed driver mal-Ministeru tal-Biedja u Sajd, liema kuntratt kien gie terminat fl-10 ta’ Lulju 1987 u minfloku

kien gie kuntrattjat haddiehor ta’ kulur politiku ben vist mill-Amministrazzjoni l-ohra.

Illi t-terminazzjoni tal-istess kuntratt tieghu ghalhekk ma kenitx sehhiet minhabba l-fatt li ma kienx hemm bzonn is-servizzi tal-vettura tieghu imma bl-iskop uniku biex jiddahhal haddiehor impressed, kif fil-fatt hekk kien gara u gie kkuntrattjat certu Raymond Cefai.

Illi l-ghixien tar-rikorrenti u ta’ uliedhom kien jiddependi minn hemm u ghalhekk ukoll ir-rikorrent, Joseph Falzon kien sofra ingustizzja kbira.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti filwaqt li rriservaw li jgibu l-provi kollha ammissibbli skond il-ligi fit-trattazzjoni ta’ dan ir-rikors, talbu lil dan it-Tribunal joghgbu jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment taghhom skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji billi jilqa’ t-talba taghhom fis-sens li jigi dikjarat li sofrew ingustizzja u konsegwentement jinghataw rimedju skond il-ligi, kif l-istess Tribunal jidhirlu opportun, xieraq u gust u dana taht dawk il-provvedimenti u mizuri u modolitajiet li joghgbu l-istess Tribunal jipprefiggi.  Bl-ispejjez kontra l-istess intimati nomine.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti ezibiti mir-rikorrenti.

**ECCEZZJONIJIET:**
Ra r-risposta tal-Ministru tal-Biedja u Sajd u l-Prim Ministru li eccepew:

Illi preliminarjament il-Prim Ministru mhux il-legittimu kontradittur stante illi kuntratti ta’ impressed drivers mhumiex regolati minnu.

Illi subordinatament dan ir-rikors ma kellu l-ebda effett kontra l-intimati stante illi l-Avukat Generali ma kienx gie notifikat bl-istess rikors u dan ai termini tal-art 181(B)(3) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost dan it-Tribunal m’ghandux kompetenza biex jisma’ l-ilment

tar-rikorrent stante li bhala persuna b'kuntratt ta' impressed driver, ir-relazzjoni mal-Gvern mhijiex wahda prevista mill-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997.

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li ebda diskriminazzjoni politika ma kienet saret mar-rikorrent u dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent ma jikkostitwiex wahdu prova illi kienet saret xi distinzjoni indebita fil-konfront tieghu ai termini tal-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997 u ghalhekk ghandu jispecifika d-dettalji ta' dak li qed jallega.

Ghaldaqstant l-intimati talbu illi fl-ewwel lok it-Tribunal joghgbu jiddikjara li ma ghandux gurisdizzjoni ratione materiae u fit tieni lok jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ra l-lista tax-xhieda.

Ra r-risposta tad-Direttur tax-Xoghol kjamat in kawza li eccepixxa:

Illi l-intimat mhuwiex il-legittimu kontradittur ghar-rikors billi huwa ma kienx inkarigat mit-terminazzjoni jew mit-tigdid tal-kuntratti tal-vettura 'impressed'.

Illi di piu`, it-talba li giet rivolta kontra l-intimat hija fuori termine fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997 billi l-ilmenti kellhom jitressqu fi zmien sitt xhur.

Illi vetturi impressed huma mikrija ghal perjodu ta' tlett xhur li jiggedded.

Ir-responsabbilita` ghat-tigdid jew terminazzjoni tal-kuntratt tal-kiri huwa tad-Dipartiment li mieghu il-vettur tkun mikrija.
Sid il-vettura hu mistenni li jsuq il-vettur hu stess. L-ingagg ta' sidien godda bil-vetturi taghhom fuq din is-sistema twaqqaf fl-1995; izda dawk is-sidien li kellhom vetturi gia mikrija nzammu jahdmu bil-vetturi taghhom.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi xehed Joseph Falzon li kkonferma l-kontenut tar-rikorsu semma li beda jahdem fil-21 ta' April, 1987 bil-vettura impressed u spicca fl-10 ta' Lulju 1987. Semma illi kien gie lura minn Malta u l-mara qaltlu li kienet irceviet xi karta fejn kien spicca mix-xoghol. Semma li kien mar ghand l-avukat Anton Refalo bil-karta. Semma li hu laburist u li kien mizzewweg u kellu tlett itfal taht l-eta`. Semma li ma kienx jirregistra u beda jaghmel xi xoghol ghal rasu. Sostna illi minfloku dahal certu Joseph Cefai li dan huwa nazzjonalist.

Semma li dam bil-vettura impressed xi tlett xhur u kien qala' sitt mija u sitta u tletin lira. Semma li wara li spicca beda jaghmel xoghol ta' hawker, liema xoghol ghadu jaghmel sal-lum. Minn dan ix-xoghol bejn wiehed u iehor kien jibqali xi elfejn lira fis-sena qliegh.

Sostna li ghalkemm fl-engagement history sheet mahruga mill-E.T.C. hemm imnizzel illi minn April sa Lulju tal-1987 kien jaghmel xoghol ta' deliveryman jew driver. F'dan il-perjodu kellu l-vettura impressed mal-Gvern. Semma li kien ilu hdax-il sena jirregistra t-trakk sabiex isejhulu ghall-impressment tal-vettura. Il-vettura li kellu impressed kien van Datsun pick-up. Semma li kien beda mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni u kien mal-Head Teacher tat-Technical School Cikku Mercieca u mbaghad wara intbaghat mal-Ministeru ghal Biedja u Sajd. Meta tkecca kien mal-Ministeru ghal Biedja u Sajd. Nghid illi jiena fil-21 ta' April ta' l-1987 kont bdejt bil-vettura impressed mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Meta tkecca ma' kien hemm l-ebda kaz ta' dixxiplina kontra tieghu u sostna li gie mkecci ghaliex kienu jahdem u jirsisti ma' Dr.Anton

Refalo. Hu qatt ma’ nghatatlu raguni ghaliex spicca mix-xoghol.

Qal li qabel ma dahal impressed kien jaghmel xoghol ta’ hawker. Hu kkonferma li kien dahal impressed bl-intervent ta’ Dr Anton Refalo. Meta kien impressed ma’ l-Education kien jintbaghat l-iskejjel bil-kotba u biz-zebgha. Meta mar mal-Biedja u Sajd kien jintbaghat l-iskola ta’ Chambray. Hu kien impressed b’vann Datsun. Min dahal minfloku kien dahal b’karozza. Dan kien Joseph Cefai u dahal b’Cortina.

Xi tlett gimghat wara li tkecca dahal floku Joseph Cefai u dahal jaghmel l-istess xoghol. Meta mar il-Labour Office biex iggedded Hili qallu li ma jistghux jirrangawlu u r-raguni ghaliex ma qallux. Hadd ma qallu li kien Cefai kien dahal floku u sostna li kien qed jaghmel ix-xoghol tieghu ghax hu kien ahmar u Cefai blu.Hu sostna li meta kien Malta t-truck tieghu kien ghax-xoghol izda hu ma kienx mieghu. Kien qabbad wiehed, tah il-flus u mar floku. Zied jghid li Cefai dahal impressed bil-karozza filwaqt li hu kien impressed bil-Van Datsun.

Xehed <u>Joseph Cefai</u> li bhalissa mhux jahdem ghax qieghed bis-sick leave u kien qieghed jistenna li jghaddi bord. Semma li dahal fl-1 ta' Marzu tal-1988. Il-vettura li kellu impressed kienet karozza numru ta' registrazzjoni T-4241, tal-marka Fiat. Qabel ma dahal bil-vettura impressed hu kien jirregistra ghax-xoghol kif ukoll kien jirregistra l-vettura u fejn jibghatuh kien imur. Semma li biex dahal bil-vettura impressed kien sejjahlu xi hadd mil-Labour Office u kien qallu biex jibda bil-karozza impressed u hu accetta. Semma li kien kellem lil Louis Refalo, li dak iz-zmien kien membru Parlamentari izda ma kienx jaf jekk hux qabel jew wara li beda jirregistra.

Semma li jaf lir-rikorrent bhala negozjant ghaliex imur il-Qala jixtri t-tigieg u l-fniek izda ma jafux bil-vettura impressed. Semma li kien dahal bil-vettura impressed mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura fil-Biccerija. Semma li hu nazzjonalist u li r-rikorrent laburist.

Qal li mill-1 ta’ Marzu 1988 sa l-20 ta’ Settembru 1998 kien impressed ma’ l-Agrikoltura, l-ewwel bil-karozza T-4241 imbaghad bil-karozza CBB-858.

Xehdet Rose Falzon mart ir-rikorrent u semmiet li ilhom mizzewwgin tmienja u ghoxrin sena u meta zewgha tkecca kellhom tlett itfal. Semmiet li meta zewgha spicca mix-xoghol kien ighinhom missieru fil-flus u wara xi xahar jew tlett xhur beda bin-negozju li jixtri l-fniek, il-bajd u l-gobon biex jerga' jbieghhom. Qalet li r-rikorrent qabel kien impressed kien jaghmel in-negozju tal-fniek, gobon u bajd. Meta keccewh minn mal-Gvern kompla bin-negozju tieghu.

Xehed Marcel Bonnici li mir-records tal-E.T.C. jidher li Joseph Cefai qieghed bil-vettura impressed izda ma min u b'liema vettura ma jirrizultax. Semma li mhux f'posizzjoni li jghid kemm kien ilu jirregistra u ghalxiex.

Dwar ir-rikorrent qal li bejn il-21 ta’ April 1987 u l-10 ta’ Lulju 1987 kien imnizzel bhala Delivery Man Driver u mill-11 ta’ Novembru 1987 sad-data li xehed kien imnizzel bhala Hawker, Self Employed, full-time. Bejn l-1973 u l-1984 kien registrat bhala Self Employed full-time Hawker.

Xehed Anton Hili bhala rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol li semma li r-rikorrent kien dahal bil-vettura impressed ftit granet qabel l-elezzjoni tal-1987. Wara l-elezzjoni kienu talbuh sabiex jara jekk kienx hemm talba bil-miktub mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura biex jidhol ir-rikorrent bil-vettura impressed u irrizulta li t-talba kienet saret fuq it-telefon u hu zbalja meta hadha. Wara l-ufficjal inkarigat mid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura gewwa Ghawdex kien infurmahom illi din il-vettura kienet se tieqaf u dan peress li ma kienx hemm l-awtorizzazzjoni tal-Ministru u tal-Ministeru tal-Finanzi.

Semma li ma jidhirlux li r-rikorrent dahal tlett xhur qabel l-elezzjoni. Biex jidhlu l-vetturi impressed mad-dipartimenti tal-Gvern irid ikun hemm talba mid-dipartiment, liema talba tigi riferuta lill-Ministeru li jaqa' tahtu d-dipartiment li jkun ghamel it-talba ghal vettura u dawn jistennew l-

awtorizzazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Meta tigi din l-awtorizzazzjoni issir it-talba lid-Dipartiment tax-Xoghol. Sostna li l-kriterju biex jintbaghat bniedem bil-vettura impressed minflok bniedem iehor kienu li jsir skond it-talba li jaghmel id-dipartiment koncernat.

Meta jkun hemm iktar minn bniedem wiehed li jkollu l-vettura registratha skond kif jitlob id-dipartiment, il-persuna kienet tintghazel skond ir-registrazzjoni li jkollha taht Part 1 u skond meta tkun giet registrata l-vettura. Semma li hemm zewg tipi ta' registrazzjoni wahda hija taht Part 1 - jigifieri bniedem jirregistra, jiddikjara li hu unemployed. Filwaqt li taht Part B jirregistraw dawk li jkun jahdmu izda jixtiequ jbiddlu x-xoghol. Semma li kien jidhol l-ewwel dak li jkun irregistra l-vettura mitluba mid-dipartiment koncernat l-ewwel.

Dwar Joseph Cefai semma li ma jaf xejn, ghax ghadda hafna zmien illum, izda meta dahal ix-xhud kien inkarigat mill-Labour Office gewwa Ghawdex.

Qal li kienet saret talba b'telefonata ghall-vettura impressed u hu kien issabmittja lir-rikorrent. It-talba nesa min kien ghamilha. It-talba ma kienet qatt saret bil-miktub. Id-Dipartiment li kien jahdem mieghu kien waqqfu. Ir-rikorrent kien dahal minghajr l-approvazzjoni tal-Ministru tal-Finanzi, ghaliex ma kienet waslet ebda talba la mid-Dipartiment u lanqas mill-Ministeru tal-Finanzi. Ma kienx jaf kif kien jithallas ir-rikorrent.

Xehed <u>Mario Caruana</u> Principal Officer fid-Dipartiment tax-Xoghol li kkonferma l-kontenut tar-risposta tal-kjamat fil-kawza Direttur tax-Xoghol. Semma li d-Direttur tax-Xoghol ma kienx involut fl-ingagg dirett ta' vettura. Il-procedura kienet li issir talba mid-dipartiment li jkun jixtieq li jingagga vettura impressed u mid-Dipartiment tax-Xoghol kienu jibghatu dik il-vettura li jmissha fil-lista ta' vetturi registrati ghall-impressment u d-Dipartiment tax-Xoghol ma kienx involut fit-terminazzjoni jew nuqqas ta' tigdid ta' kuntratt ta' impressement wara li jiskadu t-tlett xhur, izda d-decizjoni kien jehodha d-dipartiment koncernat li mieghu kienet tkun impressed il-vettura.

Ipprezenta formola li kienet tintuza l-ewwel darba li kienet tigi ingaggata vettura ma' dipartiment, kif ukoll formola li tintuza meta jiskadu t-tlett xhur. Ipprezenta wkoll lista ta' l-impressed drivers gewwa Ghawdex sa mid-9 ta' Mejju 1987.

In-nies li kien ikollhom il-vettura impressed kienu jithallsu mid-dipartiment li mieghu tkun impressed il-vettura u mhux mid-Dipartiment tax-Xoghol, u ghalhekk ma kellux taghrif dwar hlasijiet li jircievu.

Xehed Joseph Pisani Transport Officer fil-Ministeru ta' l-Agrikoltura li semma li dwar impressed drivers, ir-records li ghandhom huma mill-1987 sa Jannar 1995 meta d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura gewwa Ghawdex ma baqax jaqa' taht il-Ministeru ta' l-Agrikoltura u sar jifforma parti mir-responsabilitajiet tal-Ministeru ghal Ghawdex.

Ipprezenta lista ta' l-impressed drivers li kien hemm jew ghad hemm mad-Dipartiment ta' l- Agrikoltura mill-1987 sa Jannar 1995. Semma li dwar hlasijiet mhux f'pozizzjoni li jixhed.

Semma li fid-Dipartiment ghandhom records dwar impressed drivers li jmorru iktar lura mill-1 ta' Jannar 1987. Meta d-dipartiment kien ikollu bzonn ta' vettura impressed, kien jaghmel talba lid-Dipartiment tax-Xoghol u d-dipartiment kien jara mill-vetturi li jkunu hemm registrati, liema wahda tikkwalifika ghat-talba tad-dipartiment u kienu jibghatu din il-vettura, dejjem skond il-prijorita` li kien ikollha l-vettura fil-lista.

Il-kuntratt kien isir bil-miktub fejn jigu indikati l-kundizzjonijiet taghhom, kif ukoll id-data meta jibda u meta jispicca l-kuntratt. Ma kellhomx kontroll fuq is-sistema stante li jezisti Dipartiment tax-Xoghol gewwa Ghawdex u ma jafx kif kienu jsiru l-kuntratti bejn id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura gewwa Ghawdex u l-individwu jekk hux bil-miktub jew le. Semma li kuntratt ta' impressment kien validu ghal tlettax-il gimgha.

Mir-records m'ghandux li r-rikorrent dahal xi trakk iehor izda rrizultalu biss li kien gie ingaggat it-trakk tar-rikorrent ghal tlett xhur biss.  Hu semma li r-rikorrent kellu awtomatikament jieqaf meta skadew dawn it-tlett xhur. Hu kkonferma li kull vettura tigi ngaggata ghal tliet xhur. Sostna li kien hemm kazijiet fejn meta kienu jiskadu t-tlett xhur, kien jerga' jigi mgedded il-kuntratt.

Ipprezenta dokument li juri l-hiring rates ghall-impressed vehicles mis-sena 1987 sa l-1998.  Semma li l-vettura li kellu impressed ir-rikorrent taqa' taht il-kategorija ta' trucks – up to 3 tons.  Ipprezenta wkoll hames dokumenti li huma kopji ta' korrispondenza relatata mat-talba ghall-impressment ta' truck mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura sakemm waslu ghall-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi ghal dan l-impressment.Ipprezenta dokument datat 20 ta' April 1987 fejn jinghad li truck no. H-4603 gie impressed ghall-perjodu ta' tlett xhur.  Ma ddahhal l-ebda truck iehor wara li spicca dak tar-rikorrent.  Joseph Cefai dahal bil-vettura impressed mad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.  Semma li Cefai dahal wara r-rikorrent cioe` fil-5 ta' Marzu 1988.
Id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura qatt ma ghamel talba ghall-impressment ta' truck, hlief ghat-truck tar-rikorrent u l-anqas biex jigi mgedded il-kuntratt tat-truck tar-rikorrent.
Xehed <u>Francis Saliba</u> Principal Agricultural Officer u ilu mill-1991 il-Principal Amministrattiv tal-Farm Sperimentali f'Ghawdex.  Semma li r-rikorrent qatt ma hadem mieghu gieli ltaqa mieghu u kien ighidlu li kien impressed.

Zied ighid li karozzi impressed kellhom imma dwar trakk ma setax ighid.  Qal li lir-rikorrent jafu imma qatt ma hadem mieghu.  Qal li fid-Dipartiment tal-Agrikoltura kien hemm trakkijiet, vannijiet u karozzi impressed.  Kellhom vannijiet maghluqa u van Bedford.

Xehed <u>Carmelo Portelli</u> li ilu jahdem f'Ghawdex mad-Dipartiment mill-1979 u hu Senior Veterinary Support Officer.  Semma li jaf lir-rikorrent jahdem l-iskola Kelinu Galea bejn Mejju sa Ottubru 1987.  Ix-xoghol tas-Sur Falzon kien li jgorr il-prodotti u x'affarijiet li jkollhom bzonn u jaqdihom minn post ghall-iehor.  Sostna li jiftakar li r-

rikorrent spicca fis-Sajf izda ma jiftakarx id-data. Semma li ma jiftakarx min dahal floku izda seta' kien li kien imur certu George Bugeja bil-van tieghu li kien impressed mad-Dipartiment u kien mas-sezzjoni ta' l-Afforestation li tiehu hsieb it-tahwil u l-manteniment ta' sigar u pjanti fit-toroq u 'centre strips' u l-bqija.

Sostna li jaf lis-Sur Cefai u kkonferma li dan kien dahal b'karozza impressed meta kien il-Biccerija. Cefai dahal wara Ottubru tal-1987 ghax hu kien diga' l-Biccerija meta dahal u dak kien gie stazzjonat hemmhekk. Semma li d-Dipartiment Van ried biex igorr l-affarijiet mhux karozza. Zied jghid li r-rikorrent dejjem qeda xogholu u qatt ma kellu ilmenti fuqu. Meta fittxu dejjem sabu u meta baghtu xi mkien dejjem mar.

Xehed <u>Francis Mercieca</u> llum pensjonant li spicca minn mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni bhala Education Officer II. Qal li ma jiftakarx mal-iskola ta' l-Agrikoltura li kellhom la truck u l-anqas karozzi impressed specifikatament ghall-iskola ghax dawn kienu ghall-Agrikoltura.

Xehed <u>Anton Zammit</u> li semma li l-ingagg tar-rikorrent gie terminat fl-20 ta' Lulju 1987. Semma diversi nies li dahlu jahdmu wara r-rikorrent ma' l-Agrikoltura. Hu semma li r-rikorrent dahal fl-20 ta'April 1987 bhala impressed bi truck. Dawk il-persuni li dahlu ma' l-Agrikoltura dahlu b'karozzi. Ma kien hemm hadd impressed bi truck fiz-zmien li kien hemm ir-rikorrent, li kien hemm vannijiet. Wara li gie terminat il-kuntratt tar-rikorrent ma dahlux trakkijiet.

Xehed <u>Saviour Farrugia</u> li semma li fuq it-trakk HAJ728 dan huwa registrat fuq Anthony Portelli. Dwaru kien hemm talba ghal conversion minn chasy cab ghal trakk u din giet approvata.

**KONKLUZJONIJIET:**

A. Illi ***l-Prim Ministru eccepixxa preliminarjament li mhux il-legittimu kontradittur*** stante illi kuntratti ta' impressed drivers mhumiex regolati minnu. Dan il-punt gie deciz diversi drabi mit-Tribunal. Infatti l-artikolu 181B

tal-Kapitolu 12 jiddisponi li "Il-Gvern ghandu jkun rappresentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-Kap tad-Dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni." Ghalhekk certament il-kawza missa giet istitwita biss kontra d-Direttur responsabbli. [ara wkoll Joseph Grech vs Prim Ministru et 9/12/98, Eugenio Cutajar vs Ministru ghas-Sigurta` Socjali 9/3/99, u Joseph Farrugia vs Ministru tas-Sahha 28/10/99]. Dan huwa sufficjenti biex il-kawza tieqaf hawn fil-konfront tal-Prim Ministru.

B. Sekondarjament gie eccepit li dan ir-rikors ma kellu l-ebda effett kontra l-intimati stante ***illi l-Avukat Generali ma kienx gie notifikat*** bl-istess rikors u dan ai termini tal-art 181(B)(3) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili. Dan gie sanat in segwitu bin-notifika – ara fol 1 tergo.

C. Wara gie eccepit li ***dan it-Tribunal m'ghandux kompetenza*** biex jisma' l-ilment tar-rikorrent stante li bhala ***persuna b'kuntratt ta' impressed driver***, ir-relazzjoni mal-Gvern mhijiex wahda prevista mill-artikolu 6 tal-Att VIII tal-1997. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fir-rikors fl-ismijiet "Anthony Mifsud vs Korporazzjoni ghas-Servizz ta` l-Ilma" deciz fis-16 ta' Frar, 1998, it-Tribunal qal:

"Ghalhekk il-kompetenza tat-Tribunal hija
[a] dwar ilmenti miktuba minn persuni li jallegaw li garrbu ingustizzja
[b] li l-ingustizzja trid tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab [in consequence of undue distinction, exclusion or preference which has been made or given to his prejudice, or of any disability or restriction to which he has been subjected]
[c] b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar dak imsemmi aktar l-isfel.

Issa l-lista elenkata fil-paragrafi 6 (1) (a) (b) (c) (d) hija ezawrjenti b'mod li bil-fors il-kwistjoni trid tirriferi ghal

hatriet, promozzjonijiet, trasferimenti, dhul fl-impieg, licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi u dan ad eskluzzjoni ta’ xi azzjonijiet simili jew ftit differenti? Hu necessarju li l-kazijiet jaqghu precizament f’dawn it-termini, jew il-ligislatur ried jinkludi kazi ohra li huma ta’ l-istess natura? Ghandhom jigu kunsidrati ingustizzji ohra li pero’ ma humiex strettament hatra, promozzjoni, jew trasferiment, izda possibilment xi ingustizzja ohra mhux specifikament imsemmija izda li hi ta’ l-istess natura?

Jekk hi inkluza promozzjoni certament li tidhol promozzjoni b’data differenti [anticipata jew posticipata]; kif ukoll hija inkluza “demotion”. Jekk gie inkluz trasferiment [minn Dipartiment ghal iehor, jew sezzjoni ghal ohra] ghaliex m’ghandiex tigi inkluza rizenja sfurzata mic-cirkostanzi! Jidher li l-ispirtu tal-ligi kien li tkopri l-ingustizzji kif elenkati izda mhux li tinghata interpretazzjoni ferm restrittiva b’mod li jigi stultifikat l-iskop tal-ligi specjali li saret.

Dan it-Tribunal ihoss li hu ferm difficli li “a priori” jaghmel regoli precizi ta’ dawk l-azzjonijiet kollha li jaqghu fil-kompetenza tieghu u liema le. Hu necessarju li f’kull kaz fejn ma huwiex specifikament imsemmi mill-istess ligi li t-Tribunal jezamina jekk il-kaz jinkwadrax.

Ikkunsidra li l-Korporazzjoni intimata qedgha ssostni li l-karozzi huma impressed u mhux id-driver, li dawk id-drivers ihallsu l-bolla tan-National Insurance tas-“self-employed” u jhallsuha huma kollha, la ghandhom leave u lanqas sick leave. Dawn fil-fehma tal-Korporazzjoni jeskludu lil min hu bhal rikorrent milli jaqgha that il-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji.

Pero` hu ta’ min isemmi li ghalkemm ix-xhud tal-Korporazzjoni semma li l-karozza hi impressed u mhux ix-xufier, hemm il-kundizzjoni li l-vettura “must be owner driven” b’mod li l-ftehim ghalhekk qieghed isir mhux ghall-uzu esklusiv tal-karozza izda bhala kundizzjoni fundamentali li ma’ l-uzu tal-karozza irid ikun hemm ukoll is-sewqan mis-sid. Ghalhekk, ghalkemm strettament dan

ix-xoghol ma jinkwadrax ruhu f'impieg b'mod li l-bolla tal-kontribuzzjonijiet nazzjonali tithallas ta' self-emplyed, u li l-Manager tal-Personnel ma jkollux x'jaqsam maghhom direttament, xorta wahda ghall-iskop ta' l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu jitqies bhala "dhul fl-impieg". Jekk saret ingustizzja relattiva ghal impressed driver din ma tesorbitax mill-kompetenza tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji."

Ghalhekk it-Tribunal hu kompetenti **ratione materiae**.

D. Fir-risposta tal-kjamat in kawza ***d-Direttur tax-Xoghol*** hu eccepixxa ***li t-talba li giet rivolta kontra l-intimat hija fuori termine fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997 billi l-ilmenti kellhom jitressqu fi zmien sitt xhur***.

Fil-kawza fl-ismijiet "Victor Caruana vs Dipartiment tax-Xogholijiet et" deciza mit-Tribunal fl-1 ta' Novembru, 2000, it-Tribunal qal:

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' Kalaxlokk u cioe' dwar l-artikolu 9 ta' l-Att VIII ta' l-1997 u t-talba li l-ilment fil-konfront taghha ma jigix ikkunsidrat minn dan it-Tribunal u ghandu jigi michud stante li hija ma gietx notifikata fit-terminu tal-ligi li ghalhekk l-azzjoni in kwantu qed tigi diretta issa fil-konfront tax-socjeta' Kalaxlokk hija tardiva, irregolari u insostenibbli fil-konfront ta' l-istess.

Il-kjamat in kawza sostna li n-nuqqas tar-rikorrent li jintavola ilment fil-konfront taghha fiz-zmien preskritt mill-ligi ma jistax u ma ghandux jigi sanat permezz ta kjamata in kawza wara li ghalaq l-istess zmien. Ta l-ezempju dwar proceduri normali quddiem il-Qrati Civili, jekk attur jezercita l-azzjoni redibitorja kontra konvenut fiz-zmien perentorju ta' sitt xhur stabbilit mil-ligi u ferm wara l-gheluq tas-sitt xhur hidhirlu illi l-venditur ma kienx il-konvenut izda terza persuna jew li l-konvenut ma kienx l-uniku venditur izda kien hemm ukoll terza persuna ohra ma jistax b'success, jikkjama in kawza tali terza persuna wara d-dekors tas-sitt xhur ghax il-perjodu perentorju jkun skada.

L-Att VIII ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, dahal fis-sehh fit-2 ta' Gunju 1997 permezz ta' Avviz Legali 63 ta' l-1997."

Illi jirrizulta li:
1. Ir-rikors gie presentat fit-30 ta' Ottubru 1997;
2. Fit-18 ta' Novembru, 1998 saret il-kjamata fil-kawza tad-Direttur tax-Xoghol u ghalhekk in-notifika tieghu saret wara z-mien preskritt. Meta giet intavolata r-risposta minn l-ewwel issolleva dan il-punt u ghalhekk ma hemmx rinunzja ghal dan l-aspett.

L-artikolu 9 ta' l-Att VIII tal-1997 jghid:
"M'ghandux jigi accetta ilment taht dan l-Att jekk l-ilment isir wara li jghaddu sitt xhur mid-data tal-bidu fis-sehh ta' dan l-Att." Skond l-artikolu 7 (1) ta' l-Att "L-ilmenti quddiem it-Tribunal jitressqu permezz ta' rikors…". L-artikolu 1 jsemmi li "l-Att ghandu jidhol fis-sehh f'dik id-data li l-Prim Ministru jista' jistabbilixxi b'avviz fil-Gazzetta tal-Gvern". Permezz ta' l-Avviz Legali 63 tal-1997 "il-Prim Ministru stabbilixxa t-2 ta' Gunju, 1997 bhala d-data meta d-disposizzjonijiet kollha ta' l-imsemmi Att ghandhom jidhlu fis-sehh." Dan kollu jwassal li kull minn kellu xi ilment xi jressaq taht il-provvedimenti ta' l-Att VIII tal-1997 kellu jipprezenta r-rikors tieghu sa sitt xhur wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmi Att u cioe` sat-2 ta' Dicembru, 1997.

Li kieku il-kjamata in kawza ma issollevax din l-eccezzjoni it-Tribunal kien jipprocedi biex jezamina t-talbiet tal-attrici, izda f'dan il-kaz il-kjamata fil-kawza issolleva din l-eccezzjoni li fil-fehma tat-Tribunal hi gustifikata ghax l-istess kjamat gie kjamata tardivament. Wiehed jista' jqis li ttiehdu passi kontra l-kjamat fil-kawza fit-18 ta' Novembru 1998 li jekwivali li fil-konfront tal-imsemmija socjeta` r-rikors kien qisu prezentat f'dik id-data li tmur kontra l-artikoli tal-ligi fuq citati.

Ara wkoll is-sentenza tat-Tribunal fl-ismijiet "Pauline Camilleri vs Direttur Avvjazzjoni Civili et" tat-22 ta' Gunju 2000 li kien kaz identiku. Ukoll it-Tribunal fil-kawza "Paul Formosa vs Kap Kmandant tal-Forzi Armati" deciza fit-2

ta’ Marzu, 2000, iddecieda li korrezzjoni li taffettwa s-sustanza ma tistax ssir wara li jghaddi t-terminu imsemmi jekk ikun hemm opposizzjoni.

Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjoni tal-kjamat in kawza Direttur tax-Xoghol u jilliberah.

E. Dwar ***il-meritu***, it-Tribunal josserva li rrizulta li l-procedura biex persuna tidhol bl-impressed kienet li jrid ikun hemm talba mid-Dipartiment, liema talba tigi riferuta lill-Ministeru li jaqa’ tahtu d-dipartiment li jkun ghamel it-talba ghal vettura u dawn jistennew l-awtorizzazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi. Meta tigi din l-awtorizzazzjoni ssir it-talba lid-Dipartiment tax-xoghol.
Issa fil-kaz tar-rikorrent dan dahal jahdem in segwitu ta’ telefonata ta’ kandidat laburista u dahal jahdem fil-21 ta’ April 1987. Anton Hili rapprezentant tad-Dipartiment tax-Xoghol stqarr li ma kienx hemm talba bil-miktub mid-Dipartiment ta’ l-Agrikoltura biex ir-rikorrent jidhol bil-vettura impressed. Irrizulta li ma kienx hemm il-permess tal-Ministeru tal-Finanzi. Id-Dipartiment li kien jahdem mieghu r-rikorrent kien waqqfu ghax dahal minghajr l-approvazzoni tal-Ministru tal-Finanzi.

Dan iwassal li l-fatt li r-rikorrent dahal bl-impressed kien dahal b’ mod irregolari u ghalhekk dan ma kienx jaghti drittijiet lir-rikorrent. Ghalhekk hu ovvju li r-rikorrent ma jistax jippretendi li saret ingustizzja mieghu meta jara dak li gara. Ghal dawn il-motivi jilqa’ l-eccezzjonijiet u jichad it-talba.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------